# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 68/2019 JVC**

1. **Ital Color Limited (C-44530) u**
2. **Prime Aluminium Limited C72869**

**vs**

1. **Daniel Farrugia 557879m**
2. **Louis Farrugia 870552M**
3. **Eve Farrugia 502475M**
4. **Dolphin Industrial Services Limited C-28232**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta' rikorrenti Prime Aluminium Limited et ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta attrici Ital Color Limited kienet topera u kienet fil-pussess tal-fond KW38, Corradino Industrial Estate, Marsa (il-"Fond"), b'titolu ta' kera minghand il-konvenuti jew min minnhom filwaqt li s-socjeta attrici Prime Aluminium Limited kienet il-proprjetarja ta' varji oggetti mobbli li kienu jinsabu fil-Fond;

2. Illi nholqot tilwima bejn il-partijiet u l-konvenuti ghogobhom, nhar it-28 ta' Novembru 2018, fl-aktar mod abuziv, illegali u klandestin, jidhlu fil-Fond u minbarra li hadu l-pussess tal-Fond illegalment hadu ukoll il-pussess ta' diversi oggetti appartententi lis-socjeta attrici Prime Aluminium Limited (inventarju hawn anness bhala Dok. A);

3. Illi dawn il-passi ttiehdu mill-konvenuti jew min minnhom minflok, jekk kien jidhrilhom li kellhom xi jeddijiet, dawn istitwew proceduri legali sabiex jikkristalizzaw tali jeddijiet;

4. Illi dan kjarament qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li s-socjetajiet attrici izzommu ferma l-pozizzjoni taghhom li ghandhom pretensjonijiet validi kontra l-konvenuti jew min minnhom u dawn ta' l-ahhar mghandhom ebda jedd kontra taghhom;

5. Illi ghalkemm gew interpellati sabiex jirritornaw il-pussess tal-Fond u tal-ogetti in kwistjoni, inter alia anke permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Novembru 2018 (ittra

ufficjali numru 4303/2018), l-intimati naqsu milli jirritornaw il-pussess tal-Fond u tal-oggetti elenkati fid-Dok A;

6. Illi dan kollu jammonta ghal spoll vjolenti, ricenti u klandestin fil-konfront tas-socjetajiet attrici mill-konvenuti jew min minnhom u dan ai termini tal-artikoli 535 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi ghalhekk, kontestwalment mall-prezenti, kellu ukoll jigi ntavolat mandat ta' deskrizzjoni fl-istess da parti ta' Prime Aluminium Limited kontra l-Konvenuti ghar-rigward ta' l-oggetti elenkati fid-Dok A sabiex jigu ttutelati d-drittijiet taghha;

8. Illi s-socjetajiet attrici hadu ukoll il-passi mehtiega sabiex jaghmlu rapport ma' l-ufficjali tal-pulizija sabiex jittiehdu l-passi kollha previsti mill-ligi fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom;

9. Illi ghalhekk is-socjetajiet attrici kellhom jintavolaw dawn il-proceduri;

10. Illi l-esponent jaf b'dawn l-affarijiet stante li gew spjegati lilu mid-diretturi tas-socjetajiet rikorrenti;

<u>TALBIET</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-attur qieghed jitlob bil-qima lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna, joghgobha:

(1) Tiddikjara illi bl-ghemil abbuziv, vjolenti u klendestin taghhom il-konvenuti jew min minnhom wettqu spoll

kontra s-socjetajiet attrici ai termini tal-artikoli 535 et seq tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Konsegwentement tordna, prevja jekk ikun hemm bzonn bin-nomina ta' perit tekniku u /jew kwalsiasi dikjarazzjoni ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, li l-konvenuti jew min minnhom jergaw jirrimettu lis-socjetajiet attrici fil-pussess tal-Fond u tal-oggetti kollha indikati fid-Dok A ezattament kif kienu qabel ma gie kommess dan l-ispoll u dana fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti tipprefiggi lilhom jew min minnhom ghal dan il-ghan;

Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Novembru 2018 (ittra ufficjali numru 4303/2018) u tal-mandat ta' deskrizzjoni riferit u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull dritt ta' azzjoni ulterjuri, inkluza azzjoni ghad-danni, li ghaliha hija ntiotlata s-socjeta attrici;'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Daniel Farrugia et li eccepew kif isegwi:

<u>'Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet</u>

1. Illi preliminarjament, il-konvenuta Eve Farrugia hija assenti u ilha zmien assenti u ghalhekk jehtieg li tigi rapprezentata minn ommha Josephine Farrugia, mandatarja taghha. Ghalhekk ukoll, l-istess konvenuta ma jistgha jkun li wettqet ebda spoll.

2. Illi bla hsara ghall-premess, ma jikkonkorrux l-elementi ghall-azzjoni ta' spoll u ghalhekk it-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti ta' l-atturi fi procedura gudizzjarji.'

Rat l-affidavits, xhieda, inventarju, okkorrenza, akkuza, ftehim, ritratti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Novembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikolu 535 u 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-

detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' attrici Ital Color Limited tallega illi hija kienet topera u fil-pussess tal-fond KW38 f' Corradino Industrial Estate, Marsa b'titolu ta' kera, filwaqt li s-socjeta' rikorrenti Prime Aluminium Limited tallega li hija kienet il-proprjetarja ta' varji oggetti mobbli li kienu jinsabu fil-fond KW38. Is-socjetajiet rikorrenti jghidu li nhar it-28 ta' Novembru, 2018 abuzivament, illegalment u klandestinament il-konvenuti jew min minnhom hadu l-pussess tal-fond, kif ukoll ta' diversi oggetti li gew indikati fl-inventarju a fol. 5 tal-process. Talbu ghalhekk li jigi dikjarat illi bl-ghemil abbuziv, vjolenti u klandestin taghhom il-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin. Konsegwentament tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jergghu jirrimettu lis-socjetajiet rikorrenti fil-pussess tal-fond u tal-oggetti kollha ndikati fl-inventarju Dok A, fl-istat li kienu qabel ma gie kommess l-ispoll.

Illi da parti taghhom il-konvenuti preliminarjament eccepew li l-konvenuta Eve Farrugia hija assenti u ilha zmien twil assenti u ghalhekk mehtieg li tigi rapprezentata minn ommha Josephine Farrugia u wkoll l-istess konvenuta ma jistax ikun li wettqet ebda

spoll. Eccepew ukoll li ma jikkonkorrux l-elementi ghall-azzjoni tal-ispoll u ghalhekk t-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu rigettati.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

Il-konvenuti preliminarjament eccepew li l-konvenuta Eve Farrugia hija assenti u ilha zmien assenti u ghalhekk jehtieg li tigi rapprezentata minn ommha Josephine Farrugia, mandatarja taghha. Jghidu wkoll li la darba kienet assenti ma jistax ikun li wettqet spoll.

Illi ghalkemm il-konvenuti jressqu din l-eccezzjoni, fl-atti ma tresqet l-ebda prova li Eve Farrugia hija verament assenti. Lanqas ma tressqet prova tal-mandat li allegatament Josephine Farrugia ghandha ta' bintha Eve Farrugia. Ikkunsidrat is-suespost, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari salv dak li jirrizulta fil-mertu dwar jekk twettaqx spoll u minn min.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi fi kliem l-awtur **Mattirolo** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar l-azzjoni ta' spoll privilegjat qal illi:

> 'La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine

illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.'

F'dan is-sens ukoll, intqal dwar l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Mariano Farrugia et noe -vs- Peter Paul Cutajar** deciza fit-23 ta' Ottubru, 1998 illi:

> 'Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma iddisturbaha u daqshekk biss.'

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin hija destinata li tfalli. Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.

**Actor docere debet possedisse:**

Illi l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni jeccepixxu li l-elementi ghall-azzjoni ta' spoll ma jissussistux.

Illi da parti taghhom l-atturi jinsistu li fit-28 ta' Novembru, 2018 huma kienu ghadhom fil-pussess shih tal-fond KW38, Corradino Industrial Estate, Marsa u tad-diversi oggetti misjuba fil-fond, u l-pussess ittihdilhom illegalment u abbuzivament meta l-konvenuti bidlu s-serraturi tal-fond.

Illi dwar dan l-element tal-pussess l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjoni tipprotegi kull persuna illi hija *'...mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli...'*.

Illi dwar il-pussess tal-fond u tal-oggetti ndikati fl-inventarju a fol. 5 tal-process, jixhed Alfredo Mercuri – rapprezentant legali tas-socjeta' Ital Color Ltd u Prime Aluminium Ltd a fol. 65 *et seq* tal-process. Ix-xhud jaghti rendikont ta' x'gara tul ix-xhur. Huwa jixhed li f'Gunju u Lulju, 2018 il-fabbrika kienet ghadha topera tant li kienu qed jghamlu uzu minn generatur peress li l-Enemalta kienet qatghet il-provvista tal-elettriku (minhabba kwistjoni ta' interessi mas-socjeta' konvenuta Dolphin Industrial Services Ltd). Ikompli jghid li fix-xahar ta' Awwissu, 2018 il-fabbrika kienet maghluqa peress li kienu bil-vaganzi tal-ferragosto u fl-10 ta' Settembru, 2018 kien mar Gian Massimo Corona u sab is-serraturi mibdula u kien rega' ghamel serraturi godda. Jixhed li huwa kien mar fil-fabbrika f'Ottubru u kien acceda. Madanakollu f'Novembru, 2018 meta s-Sur Corona kien reggha mar fil-fabbrika huwa kien sab il-kancell miftuh bil-papa' ta' Daniel Farrugia ma' xi mpjegati fih. Hekk xehed:

‘*Ix-Xhud :*
Si, a fine Ottobre sono tornato in Italia mettendo i lucchetti nostri.

***Dr Mark Simiana :***
E quando e` ritornato a fine Novembre a trovato i lucchetti nuovi?

***Ix-Xhud :***
No no. Ha travato il cancello aperto

***Dr Mark Simiana :***
Si.

***Ix-Xhud :***
Con le persone che lavoravano dentro. Il papa` di Daniel Farrugia.’

Is-socjetajiet rikorrenti ressqu wkoll bhala xhud lil Gian Massimo Corona li xehed fis-seduta tal-25 ta’ Frar, 2020 a fol. 94 *et seq* tal-process. Ix-xhud jghid li huwa kien impjegat mas-socjetajiet rikorrenti mis-snin 2015 sal-2018. Jirrakkonta x’gara fl-10 ta’ Settembru, 2018 fejn kien sab is-serraturi tal-fond mibdula, kien bidilhom u ghamel ohrajn godda u jinsisti li x’hin acceda fil-fond kien sab kollox kif kien qabel. Ix-xhud imbaghad jixhed li fl-okkazzjoni tat-28 ta’ Novembru, 2018 mal-wasla tieghu hawn Malta kien mar fuq il-post u sab lil Louis Farrugia flimkien ma’ nies ohra jigbdu u jhottu l-ghodda. Jghid li kien f’dik l-okkazzjoni li huwa gie mcahhad mill-access u l-oggetti misjuba fil-fond:

'Ix-xhud: Bene, il 28 arrivo a Malta e direttamente dal aeroporto vado a Paola e trovo il ground floor i shutter aperti e c era Louis Farrugia. Che é io conosco, che é il padre di Daniel Farrugia con uno o due operai che stavano continuando a tirare e smontare atrezzature che cerano. Allora dopo io ho visto il groundfloor c'era molto aluminio che non c'era piú. Quindi non c'era piú aluminio non c'erano piú i .... standing dove si mette l' aluminio e mancavano alcuni altri atrezzi e mancava anche u forklift eletrico, che era al groundfloor. Ho intanto chiamato la polizia di Paolo ed é venuto il sergente Antonello Magri con un collega, hanno visto quell che cera in quell momento ed hanno detto adesso non possiamo fare niente noi, parlate con i vostri avvocati. Peró prendiamo nota di quello che c'e' in questo momento, cioé Louis Farrugia ed un altra persona che stanno diciamo e poi che non ci fanno entrare. Quindi c'e la negano l'entrata, ci negano I ingresso.'

Dan gie kkollaborat mix-xhud Giuseppe Galli li x-xehed fis-seduta tat-30 ta' April, 2019 a fol. 31 *et seq* tal-process. Huwa spjega li f'Settembru kienu sabu s-serraturi mibdula. Fuq struzzjoni tal-Pulizija kienu bidluhom u x'hin kienu accedew kienu sabu kollox f'postu. Jghid li madanakollu meta regghu rritornaw f'Ottubru jew Novembru kienu sabu kollox maghluq bis-serraturi. Xehed li ma kinux jafu min kien ghamel dan jekk hux hallelin jew haddiehor. Jghid imbaghad li darba ohra kienu sabu lill-missier Daniel Farrugia fuq il-post. Hekk xehed illi:

'***Ix-Xhud :***

Era o su Ottobre o Novembre; adesso non mi fare dire delle date perche'.., Ottobre – Novembre. Quindi abbiamo ritrovato di nuovo tutto chiuso con i lucchetti cambiati da

capo. E francamente salendo dal muretto siamo andati dentro non c'era piu' niente, era tutto pulito. C'e se la portato via di tutto. Chiaramente non sapevamo chi fosse stato a fare questo. Se fosse de ladri o altri. Nel mio ulteriore passaggio abbiamo trovato il papa' di Daniel Farrugia con un ...e suo operaio con una group nel interno che portavano ancheora via quell poche rimasto. Noi ci siamo preoccupati, io mi sono preoccupato di chiamare la pulizia di nuovo che francamente arrivata con la certa celerita` e se non sbaglio il nome dell'ispettore Cini ..'

Da parti tal-konvenuti, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 150 *et seq* tal-process jittentaw jargumentaw li l-atturi, mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2018 kienu gja tilfu l-pussess tal-fabbrika, tant li l-Marixxall fl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kien inghata access mill-konvenuti. Sabiex isahhu l-argument taghhom jipprezentaw kopja legali ta' l-atti tal-mandat ta' qbid bin-numru 1681/2018 fl-ismijiet Raniero Paul Borg -vs- Prime Aluminium Limited a fol. 123 *et seq* tal-process. Mill-atti tal-mandat jirrizulta li huwa minnu li fil-15 ta' Novembru, 2018 Louis Farrugia kien taha access ghall-fond lill-Marixxall. Dan jirrizulta minn notamenti li saru mill-marixxall:

'Dan ix-xoghol kollhu sar fil-prezenza PC396 Karl Attard, il-kreditur Raniero Paul Borg u l-persuna li fethet il-post Louis Farrugia, nghid ukoll peress li d-debituri ma kienux prezenti Prime Aluminium LTD. Kopja ta' dan il-Mandat u r-Riferta ser tithalla fir-Registru tal-Qorti, nghid ukoll li l-post rega' gie maghluq mis-Sur Louis Farrugia. Illum 15 ta' Novembru 2018.'

Illi mbaghad il-konvenut Daniel Farrugia in kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2020 ighid li l-pussess kien f'idejhom ghaliex kienu bidlu l-katnazzi tal-fabbrika u c-cwievet kienu f'idejhom. Xehed illi:

| | |
|---|---|
| 'Qorti: | F'Awwissu qed jistaqsi. |
| Xhud: | F'Awwissu le. F'Awwissu kellna ahna, hadna il-fabbrika f'idejna. |
| Qorti: | Kif? |
| Dr Damien Degiorgio: | Kif? |
| Xhud: | Billi inbidlu l-katnazzi tal-fabbrika u ahna kienu f'idejna, bil-fabbrika.' |

Il-Qorti jidrilha li l-fatt li l-konvenut Louis Farrugia kien taha l-access lill-Marixxall, u li l-konvenuti jallegaw li kienu regghu bidlu l-katnazzi u c-cwievet kienu f'idejhom, ma jaghtix lok ghat-telfien tal-pussess tas-socjetajiet rikorrenti, aktar u aktar ikkunsidrat li anke semplici detenzjoni hija sufficjenti ai fini tal-azzjoni odjerna. Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti b'xi mod irrinunzjaw ghall-pussess tal-fond u l-oggetti misjuba fil-fond. Pjuttost jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti baqghu jibghatu l-impjegati taghhom u baqghu jattendu fil-fabbrika regolarment ghalkemm mhux funzjonanti minhabba kwistjoni relatata mal-elettriku da parte tal-intimati. Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Formosa -vs- Joseph Cauchi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' April, 2006 illi:

'Gie, izda, ritenut mill-Qrati taghna li ghall-konservazzjoni

tal-pussess ta' haga mmobbli huwa bizzejjed l-animus, jigifieri l-intenzjoni fil-possessur – animo retinetur possessio. Dan ifisser illi jekk jigi ppruvat illi l-attur kien jezercita l-pussess precedentement mhux necessarju li jipprova li ghad ghandu l-pussess materjali tal-proprjeta', izda huwa bizzejjed jekk jipprova l-intenzjoni li jirritjeni dan il-pussess li kien jezercita qabel. Dan gie spjegat fid-decizjoni Cachia Zammit v. Barbara fejn il-Qorti f'dan ir-rigward kwotat lil Baundry li qal "il possesso, una volta a quisito, si conserva ben che' il possessore non abbia fatto atti di possesso, se del resto aveva la possibilita' di farli ... il possesso legale d'un immobile, una volta acquistato, si conserva colla sola intenzione del possesso per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finche' non sia stato volontariamente abbandonato."

L-istess awtur ikompli jiccita l-Pothier u jghid li "per conservare il possesso non e' necessario avere una volonta' positiva di riternerlo, basta che la volonta' di possedere non sia stata revocata da una volonta' contraria; perche' non e' stata revocata da una volonta' contraria, si considera sempre he si perseveri." Il-Qorti ziedet "u b'ebda prova ma ngiebet illi l-konvenut, fl-intervall bejn is-sena 1925, meta nfethet il-kawza, u s-sena 1954 meta saret il-kostruzzjoni 'de quo', gie privat mill-pussess tar-rokna li kien fadal minnha, jew li huwa kien abbanduna dak il- pussess fuqha; u ghalhekk baqghet issehh favur tieghu il-presunzjoni kontemplata fl-Artikoli 565 tal- Kodici Civili, b'mod li, kif osservat il-Qorti ta' l- Appell fil-kawza fl-ismijiet Cassar v. Mamo Trevisan, deciza fl-4 ta' Di embru 1879, fuq l-awtorita' ta' Troplong 'il possesso originario una volta fissato, si perpetua indefinittivamente, sino a tanto che non e' esposto a atti

> indubitati ed importanti una rinunzia dello stesso possesso' ( kollezz, Vol. VIII pg. 0 ). Konsegwentement, il-pussess tal-konvenut fuq il-parti rimanenti mill-kamra baqa' fih, u ma ntilifx, nonostante l-pretiza inerzja tieghu (v. Digesto Italiano – Possesso n. 426).'

Fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tqis li l-element tal-pussess gie sufficjentement pruvat.

**<u>Spoliatum fuisse:</u>**

Illi dwar it-tieni element ta' spoll vjolenti u klandestin, il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **A. Mizzi noe -vs- R. Clark** deciza nhar id-9 ta' Jannar, 1976 irriteniet is-segwenti:

> 'Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghemil ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub lil-ghemil irid ikun wiehed vjolanti jew inqas mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha pussess.'

A skans ta' ripetizzjoni, dwar dan l-element ta' spoll vjolenti u klandestin il-Qorti terga' taghmel referenza ghax-xiehda ta' Giuseppe Galli (fol. 31) u Gian Massimo Corona (fol. 94) gia` kwotati. Iz-zewg xhieda marru fil-fabbrika f'zewg okkazzjonijiet fejn darba sabu l-katnazzi mibdula u regghu biddluhom u darb'ohra sabu lill-konvenut Louis Farrugia ma' haddiema fuq il-post.

Dwar l-incident tat-28 ta' Novembru, 2018 Alfredo Mercuri – rapprezentant legali tas-socjetajiet rikorrenti kien mar l-Ghassa ta'

Rahal Gdid fejn ghamel rapport dwar l-akkadut. Kopja tal-okkorrenza bin-numru NPS 3/E/4440/2018 giet esebita a fol. 24 *et seq* tal-process mill-Ispettur Hubert Cini. L-Ispettur ikkonferma li da parti taghhom kienu pprocedew fil-konfront tal-konvenut Daniel Farrugia dwar ragion fattasi fit-termini tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) (xiehda a fol. 29 *et seq* tal-process).

Illi l-konvenut Daniel Farrugia fl-affidavit tieghu a fol. 133 tal-process ammetta li l-konvenuti kienu wettqu spoll vjolenti u klandestin billi kienu bidlu l-katnazzi. Hekk qal illi:

> '2. Nghid illi l-pussess ta' din il-fabbrika reggha gie f'idejn Dolphin Industrial Services Limited u d-diretturi taghha f'Awwissu tas-sena 2018. Nghid illi lejn l-ahhar ta' Settembru 2018, konna sibna il-katnazzi li ghamilna ahna mal-fabbrika mibdula, u ndunajt li Alfredo Mercuri kien ha lura l-pussess tal-fabbrika minghajr il-kunsens taghna.
>
> 3. Ftit jiem biss wara, u certament f'Ottubru tas-sena 2018, jien kont hadt lura il-pussess tal-fabbrika billi ergajt bdilt il-katnazzi. Nghid li Mercuri kien halla l-fabbrika abbandunata u minnha ha biss xi vettura li kellu.'

Il-konvenut Daniel Farrugia kien rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu in kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2020 fejn meta gie mistoqsi mill-Qorti huwa stqarr:

> 'Qorti: U min bidilhom dawn il-katnazzi?
>
> Xhud: Ahna stess.

Qorti: Ahna min intom?

Xhud: Daniel.

Qorti: Farrugia?

Xhud: Hekk hu.

Qorti: U xi hadd iehor?

Xhud: Le.'

Illi l-Qorti rinfaccjata b'ammissjoni bhal din m'ghandix dubju li l-element ta' vjolenza u klandestinita' gew sufficjentement pruvati.

**<u>Infra bimestre deduxisse:</u>**

Illi dan it-tielet element jikkonsisti filli l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Is-socjetajiet rikorrenti jargumentaw li l-att spoljattiv sehh nhar it-28 ta' Novembru, 2018 meta Gian Massimo Corona, flimkien ma' Giuseppe Galli marru fil-fabbrika u sabu lill-konvenut Louis Farrugia li cahdilhom l-access ghal fond u ghall-oggetti.

Min-naha tal-intimati jargumentaw li sal-15 ta' Novembru, 2018 is-socjetajiet rikorrenti kienu gia tilfu l-pussess ghaliex isostnu li l-att spoljattiv sar qabel il-15 ta' Novembru, 2018.

Illi bhala parti mit-talbiet, is-socjetajiet rikorrenti jitolbu li l-intimati jergghu jirrimettu lilhom fil-pussess tal-oggetti kollha ndikati fid-dokument A a fol. 5 tal-process ezattament kif kienu qabel ma' gie kommess dan l-ispoll. Madanakollu jekk tinghata harsa lejn id-dokument A a fol. 5 tal-process u l-lista ta' l-oggetti li

nstabu fuq il-post u li gew maqbuda bil-mandat 1681/18 (ara lista a fol. 127 tal-process) jirrizulta li fid-data tal-15 ta' Novembru, 2018 l-oggetti kienu ferm anqas minn dawk indikati fl-inventarju a fol. 5 tal-process. Jinsorgi li l-att spoljattiv fuq l-oggetti kien gja sar qabel il-15 ta' Novembru, 2018.

Dan gie wkoll ikkonfermat minn Giuseppe Galli fix-xiehda tieghu a fol. 31 tal-process meta stqarr li meta sabu lill-konvenut Louis Farrugia u l-haddiema dawn kienu qeghdin jiehdu dak il-ftit li kien ghad fadal. Hekk xehed illi:

> '..Nel mio ulteriore passaggio abbiamo trovato il papa' di Daniel Farrugia con un ...e suo operaio con una group nel interno **che portavano ancheora via quell pocho rimasto.**' (enfazi tal-Qorti)

Dwar l-att spoljattiv relatat mal-bdil tas-serraturi, jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti tramite il-haddiem Gian Massimo Corona f'Settembru, 2018 kienu bidlu s-serraturi. Jipprezentaw ritratt a fol. 109 fejn jidhru jqattghu s-serraturi bl-uzu ta' grinder. Ix-xhud Gian Massimo Corona jghid li huwa bidel is-serraturi f'Settembru, 2018 u meta acceda sab kollox f'postu. Ix-xhud jghid li huwa rritorna lejn l-Italia u fil-frattemp kien gie haddiem iehor Giuseppe Galli. Jghid imbaghad li rritorna Malta f'Novembru, 2018. Hekk xehed illi:

> '**Ix-xhud:** Questo era stato entro il 30 settembre, Perché c era il mio operai che era venuto, al 100% che al 30 settembre c era tutto.
>
> **Av. Damien Degiorgio:** Allora poi, che cosa é successo?

**Ix-xhud:** Poi io sono tornato in Italia Perché hanno messo ... ed é venuto un altro diciamo promotore commerciale, il Signor Peppino Galli. É venuto il Signor Peppino Galli al posto mio, é venuto lui. E quindi, tutto quello che é successo diciamo dopo il 30 settembre lo sa il Signor Galli.

**Av. Damien Degiorgio:** Si, che ha testimoniato.

**Ix-xhud:** Infatti.

**Av. Damien Degiorgio:** Allora tu quando sei ritornato a Malta?

**Ix-xhud:** Il sono ritornato a Malta il 28 di novembre.'

Da parti tax-xhud Giuseppe Galli (fol. 31) jirrizulta li dan gie Malta f'Settembru, f'Ottubru u Novembru 2018. Filwaqt li kemm f'Settembru u Novembru 2018 kien akkumpanjat minn Gian Massimo Corona, fl-okkazzjoni ta' Ottubru, 2018 huwa ma giex Malta akkumpanjat minn Gian Massimo Corona. Fir-rakkont tieghu ta' kif graw l-avvenimenti, x-xhud jghid li f'Settembru kienu bidlu s-serraturi u sabu kollox kif kien. F'Ottubru jew Novembru (x-xhud ma kienx jaf jindika ezatt ix-xahar) jghid li kienu sabu kollox maghluq u ma kienx ghad baqa' xejn mill-oggetti. Filwaqt li jkompli jghid li fi vjagg iehor huma kienu sabu lil Louis Farrugia fuq il-post jiehdu dak il-ftit li kien ghad fadal. Hekk xehed:

'***Dr Damian Degiorgio :***
Ci puo spiegare cosa e successo con i convenuti le persone che-...

***Ix-Xhud :***
Che successo; siamo ad Agosto abbiamo chiuso perche` ad Agosto si chiuse. E' siamo andati via ; siamo ritornati a Settembre e' venuto con il mio collaboratore prima; poi sono arrivato io, abbiamo trovato l'azienda con dei lucchetti che non erano i nostri. Abbiamo chiamato la pulizia c'e' ho detto se voi potete entrare tagliate ed entrate. Siamo entrati; era tutto in perfetto ordine, no niente la toccata. Nella seconda volta abbiamo tolto..

***Dr Damian Degiorgio :***
Quando successo alla seconda volta?

***Ix-Xhud :***
Era o su Ottobre o Novembre; adesso non mi fare dire delle date perche'.., Ottobre – Novembre. Quindi abbiamo ritrovato di nuovo tutto chiuso con i lucchetti cambiati da capo. E francamente salendo dal muretto siamo andati dentro non c'era piu' niente, era tutto pulito. C'e se la portato via di tutto. Chiaramente non sapevamo chi fosse stato a fare questo. Se fosse de ladri o altri. Nel mio ulteriore passaggio abbiamo trovato il papa' di Daniel Farrugia con un ...e suo operaio con una group nel interno che portavano ancheora via quell poche rimasto. Noi ci siamo preoccupati, io mi sono preoccupato di chiamare la pulizia di nuovo che francamente arrivata con la certa celerita` e se non sbaglio il nome dell'ispettore Cini ..'.

Mid-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda partikolarment dik ta' Giuseppe Galli jirrizulta li l-access kien gja gie nterrot qabel it-28 ta' Novembru, 2018 stante li sabiex jaccedu kellhom jaqbzu l-hajt.

Hekk qal '*...dal muretto siamo andati dentro non...*'. Dan gie kkorraborat mill-fatt li fil-15 ta' Novembru, 2018 il-konvenut Louis Farrugia gia kellu access liberu u di fatti taha access lill-Marixxall. Di fatti fil-verbal il-Marixxall nizzel is-segwenti:

> '...x'hin wasalna fuq il-post sibna lil missier is-sid ta' dan il-post Louis Farrugia ID 0870552(M) li fethilna l-istess post u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' sgass kif mitlub mir-rikors datat ta' l-1 ta' Novembru 2018...'

Jirrizulta ghalhekk li zgur l-att spoljattiv kien gia` gie kommess fil-15 ta' Novembru, 2018 jew qabel. Il-kawza giet intavolata fl-24 ta' Jannar, 2019. Jekk tittiehed id-data tal-15 ta' Novembru, 2018 bhala d-data li fiha sehh l-att spoljattiv, jirrizulta li l-kawza giet intavolata oltre x-xahrejn zmien stipulat mill-Ligi.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost dan l-element ma giex sodisfatt u l-Qorti hija ghalhekk kostretta li tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari,

(ii) stante li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* ma giex sodisfatt meta dan huwa neccessarju sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni rimanenti tal-intimati u tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza, salv ghal dawk tal-eccezzjoni preliminari, ghandhom jigu sopportati mis-socjetajiet rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Marzu, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Marzu, 2021**